
IL-GIRLANDA
tal-Avvent

IL-GIRLANDA
tal-Avvent

Il-Girlanda tal-Avvent

Mixja ta' qari, riflessjonijiet u talb għall-familja kollha

Sussidju għal żmien l-Avvent 2026 imħejji mill-Uffiċċju Kateketiku
u l-Kummissjoni Liturġika tad-Djoċesi ta' Għawdex

**Ippubblikat mid-Djoċesi ta' Għawdex u Lumen Christi Publications
f'Novembru 2026**

Lumen Christi Media Centre,
Triq Fortunato Mizzi,
il-Belt Victoria VCT 2579
e: lumenchristipublications@churchingozo.mt

Ritratt tal-qoxra: Carmel Agius
Ritratti ta' ġewwa: Joanne Mohr

Mitbugħ: Gozo Press Ltd, Għajnsielem, Għawdex

ISBN: 978-9918-9577-7-4

Dan is-sussidju hu maħsub biex ikun ta' għajnuna ħalli jsir talb fid-dar madwar il-girlanda tal-Avvent.

Ikun sabiħ jekk jirnexxilna matul l-Avvent nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa ta' kuljum. Hija mixja sabiħa mal-Kelma ta' Alla li, ġurnata wara l-oħra, tħejjina biex nerġgħu nġeddu l-paċi tal-qalb tagħna f'rabta ma' Ġesù Ibnu, imdawlin mill-Ispirtu s-Santu.

Il-Qari ta' kuljum tista' ssibu fuq :
https://laikosblog.org/2026/07/17/quddies_kalendarju/

IL-GIRLANDA *tal-Avvent*

Mixja ta' qari, riflessjonijiet u talb għall-familja kollha

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

MALTA 2026





IL-GIRLANDA TAL-AVVENT

Il-Girlanda, jew kuruna, tal-Avvent hi simbolu sabiħ marbut ma' dan iż-żmien ta' stennija għall-miġja tal-Messija, li hu d-dawl li jirbaħ fuq kull dlam. Hi tradizzjoni antika li aktarx oriġinat fl-artijiet Skandinavi.

L-istess ċirku jfisser il-ħajja eterna li jagħtina Alla, filwaqt li l-weraq li bih tiġi mżejna jibqa' dejjem aħdar biex jissimbolizza l-imħabba ta' Alla li ma tmut qatt, kif ukoll il-ħajja li tkompli tikber, imqar qalb il-kesħa taxxitwa. Il-lewn ħadrani jfisser tama u l-ħajja ta' dejjem fi Kristu.

L-erba' xemgħat huma tlieta ta' kulur vjola u waħda roża, biex jirrappreżentaw l-erbat iĦdud tal-Avvent bl-ilwien tradizzjonali tagħhom. L-ewwel, it-tieni u r-raba' jfakkru fl-indiema, il-konverżjoni u l-istennija ta' Kristu Sultan, waqt li r-roża tat-tielet Ħadd (Guadete) ifakkar fil-ferħ għall-wasla fil-qrib tal-Milied. Maż-żmien ingħataw ukoll it-tifsir tal-kwalitajiet spiritwali tat-tama, il-paċi, il-ferħ, u l-imħabba.

Ħadd wara l-ieħor fl-Avvent, din il-Girlanda tmexxina iktar fil-fond tal-misteru tat-twelid ta' Kristu u tqarrbina pass kull darba lejn il-ferħ tas-salvazzjoni tagħna. Għalhekk hi ħaġa sabiħa li narmawha wkoll fid-djar tagħna u nieqfu kuljum quddiemha biex nitolbu u nitħeġġu fl-istennija kollha tama tal-miġja ta' Sidna Ġesù.

IL-GIRLANDA
tal-Avvent

IT-TBERIK (meta jsir fil-quddiesa)

℣. O Missier,
qed nistennew b'ferħ kbir il-miġja ta' Ibnek fostna.
Id-dawl tiegħek ġa qed jiddi sa mill-ibgħad żminijiet.

O Missier,
ħares lejn il-Knisja tiegħek
miġbura biex tibda dan iż-żmien qaddis tal-Avvent,
ibgħat l-ispirtu tiegħek
u bierek ✠ dawn ix-xemgħat li tul dan iż-żmien ser jinxtegħlu
fl-istennija ta' Ibnek li ġej fil-lejl qaddis tal-Milied,
kif ukoll fil-laqgħat ta' kull nhar ta' Ħadd matul is-sena.

Agħmel li waqt li nixegħlu dawn ix-xemgħa, id-dawl tal-fidi,
il-ħajja tal-grazzja u l-ħeġġa għall-karità,
jikbru dejjem aktar f'kull familja u fi qlubna,
biex inkunu mħejjija għall-miġja ta' Kristu Ibnek
meta jiġi fil-glorja tiegħu,
u hekk isibna denji li nidħlu aħna wkoll fis-Saltna tad-dawl.
Bi Kristu Sidna.

℟. Ammen.

Jekk il-mixegħla tax-xemgħa ssir fil-quddiesa, sew jekk fil-bidu u sew jekk wara l-omelija, qabel tinxtegħel ix-xemgħa tal-kuruna tal-Avvent, jista' jingħad kif indikat f'kull kaxxa milli ġejjin.

L-EWWEL ĦADD TAL-AVVENT

Ser nixegħlu, Mulej, din ix-xemgħa, bħal dak il-bniedem li ser jixgħel il-musbieħ tiegħu, biex joħroġ mid-dlam tal-lejl biex jiltaqa' ma' ħabibu li ġej.

F'din l-ewwel ġimgħa tal-Avvent nixtiequ nqumu min-ngħas, it-telqa u l-bruda, u nistennewk ħerqana u mħejjija biex nilqgħuk b'ferħ kbir.

Hawn ħafna x'jaljenana, x'jifxilna u jiddistrana, iżda aħna nixtiequ nibqgħu mqajma u nishru, għax nafu li int biss tista' twassalna għad-dawl veru, għall-paċi tal-qalb u għall-ferħ dejjiem.
Ejja, Mulej Ġesù.

IT-TIENI ĦADD TAL-AVVENT

Il-profeti żammew mixgħula t-tama ta' Iżrael. Aħna llum bħala sinjal ser nixegħlu t-tieni xemgħa. Iz-zokk il-qadim qed jarmi u jwarrad fid-dežert… il-bniedem qed jimtela bit-tama għax Alla għoġbu jiġi fostna.

Agħmel, Mulej, li kull wieħed u waħda minna jiftaħ qalbu beraħ biex jilqa' lis-Salvatur, u hekk it-tama tagħna twarrad u tiġġedded, u hekk qalbna tibqa' mixgħula.

Ejja, Mulej, u la tiddawwarx!
Ejja, Mulej Ġesù.



IT-TIELET ĦADD TAL-AVVENT

Fid-dlam deher jiddi d-dawl, fid-dežert instema' leħen.
Ħejju triqatu, għax tassew hu fil-qrib.

Ħa tkun qalbna mgħaddsa fit-talb, bħala għarusa mżejna f'jum it-tieġ tagħha.

Wasal il-messaġġier: Ġwanni l-Battista mhux biss iħabbar id-dawl, iżda jixhed għad-dawl. Waqt li qed nixgħelu t-tielet xemgħa, kull wieħed u waħda minna jixtieq ikun fjamma li ddawwal u ssaħħan. Ejja, Mulej, ejja ħa ssalvana, kebbisna fid-dawl tiegħek, saħħanna bl-imħabba tiegħek.

IR-RABA' ĦADD TAL-AVVENT

Waqt li ser nixegħlu r-raba' xemgħa, f'dan l-aħħar Ħadd niftakru fil-Verġni Marija Ommok u Ommna. Ħadd daqsha ma stenniek b'daqshekk ħeġġa, b'daqshekk ħlewwa u mħabba. Ħadd ma laqgħek b'daqshekk ferħ.

Int twarrad fiha, bħal ħabba tal-qamħ f'art għammiela.

F'dirgħajha sibt l-isbaħ benniena. Anki aħna, għalkemm dgħajfa u midinba, nixtiequ nagħmlu minn qalbna benniena bħal ta' Ommok: bil-fidi u bl-imħabba.

Ejja, Mulej, u la tiddawwarx!
Ejja, ħa ssalvana.





L-EWWEL ĠIMGĦA TAL-AVVENT

TAMA

L-ewwel xemgħa tirrappreżenta t-tama, u tissimbolizza l-istennija u t-tħejjija għall-miġja ta' Ġesù Kristu. Hija marbuta mal-profeti tat-Testment il-Qadim, li ħabbru l-miġja tiegħu b'tama u b'antiċipazzjoni.

29 ta' Novembru – 5 ta' Diċembru

Ġimgħa li fiha nagħmlu ftit wisa' għal Ġesù biex nilqgħuh fil-Kelma li jwasslilna u fl-Ewkaristija.





IL-ĦADD 29 TA’ NOVEMBRU

L-EWWEL ĦADD TAL-AVVENT

“Ishru u stennew!”

Il-Qari tal-ġurnata: Iżaija 63:16b-17, 19b; 64:2-7; Salm 80; 1 Korintin 1:3-9; Mark 13:33-37



MILL-EVANĠELJU

Ġesù jistedinna nkunu għassa u attenti, għax ma nafux meta jasal is-Sid.
Niftakru xi jtennilna: “Ishru!”.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

L-Avvent jibda bi stedina biex nistennew lil Ġesù b’qalb miftuħa.
Kultant fil-ħajja nkunu tant impenjati li ninsew nieqfu ftit, nagħfsu ‘pause’, biex nindunaw bil-preżenza tiegħu.
Li nistennew lil Ġesù jfisser li nħejju qalbna biex nilqgħuh kuljum.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Agħmlu xi ħaġa żgħira li tagħti tama u ferħ lil xi ħadd: telefonata, messaġġ, kelma sabiħa jew għajnuna.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Xi ħadd jixgħel l-ewwel xemgħa.
Kulħadd iħares lejn id-dawl għal ftit mumenti fis-skiet.
Imbagħad għidu flimkien: “Ġesù, għinna nistennewk b’qalb mimlija tama”.
Ftit sekondi ta’ silenzju.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

San Franġisk jisma’ s-sejħa ta’ Alla
Meta kien għadu żagħżugħ, Franġisku kellu ħolm kbir dwar il-ħajja tiegħu.
Ried ikun kavallier u kellu xewqa kbira għall-glorja u s-suċċess.
Imma wara żmien ta’ mard u taqlib f’ħajtu, beda jistaqsi lilu nnifsu x’kien verament qed ifittex.
F’viżjoni waqt vjaġġ lejn il-gwerra, induna li Alla kien qed isejjaħlu għal triq oħra, reġa’ lura Assisi u beda proċess twil ta’ konverżjoni.



BIEX NAĦSBU

Għal xiex jista’ jkun qed isejħilna Ġesù bħala familja?



TALBA TAL-FAMILJA

O Ġesù,
illum nibdew mixja ġdida miegħek.
Għinna niftakru fik fost il-ħafna affarijiet tal-ħajja.
Agħtina qalb li tistenna,
qalb li tittama u li tkun lesta tilqgħek.
Kun id-dawl tal-familja tagħna matul dan l-Avvent.
Ibqa’ magħna f’din il-familja u għinna nkunu dejjem attenti
ħalli nagħrfuk f’dawk li niltaqgħu magħhom.
Ammen.



IT-TNEJN 30 TA’ NOVEMBRU

Festa ta’ Sant’Andrija Appostlu

“Ejjew warajja.”

Il-Qari tal-ġurnata: Rumani 10:9-18; Salm 19; Mattew 4:18-22



MILL-EVANĠELJU

Ġesù jara lil Pietru u lil Andrija fuq xatt il-baħar u jgħidilhom: “Ejjew warajja”.
Huma jħallu x-xbiek tagħhom u jimxu warajh.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Ġesù għadu jsejħilna llum. Is-sejħa tiegħu tista’ tasal permezz ta’ persuna, kelma, sitwazzjoni jew opportunità biex nagħmlu l-ġid.
Bħal Andrija, aħna wkoll nistgħu ngħidu: “Iva, Ġesù, niġi warajk”.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Kull membru tal-familja jagħmel servizz żgħir fid-dar mingħajr ma jistenna li xi ħadd jgħidlu grazzi.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Xi ħadd jixgħel ix-xemgħa tal-Avvent.
Għidu flimkien: “Ġesù, meta ssejħilna, agħtina qalb li tisma’”.
Imbagħad ftit silenzju.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Franġisku jiltaqa’ mal-lebbruż
Franġisku kien jibża’ ħafna mil-lebbrużi u kien iħoss stmerrija lejhom. Imma f’wieħed mill-mumenti importanti tal-konverżjoni tiegħu, iltaqa’ ma’ wieħed minnhom.
Minflok ma jaħrab, Franġisku resaq lejh. Skont it-tradizzjoni Franġiskana, huwa niżel minn fuq iż-żiemel, tah flus u bieslu idu. Dak li qabel kien jidher għalih bħala xi ħaġa morra, inbidel fi ħlewwa.



BIEX NAĦSBU

Fejn naħsbu li Ġesù qed isejħilna biex nagħmlu aktar ġid?



TALBA TAL-FAMILJA

Ġesù, mexxina warajk.
Int sejjaħt lil Andrija biex jimxi warajk;
sejħilna wkoll biex nisimgħu leħnek u nimxu fid-dawl tiegħek.
Għinna nħallu dak kollu li jfixkilna,
nagħżlu l-imħabba, is-servizz u l-ġenerożità,
u nkunu xhieda tal-imħabba tiegħek.
Agħtina l-kuraġġ u l-fidi biex ngħidu ‘iva’ għas-sejħa tiegħek
u nwieġbu għaliha b’qalb miftuħa u lesta biex taqdi.
Ammen.



IT-TLIETA 1 TA’ DIĊEMBRU

“Ġib il-paċi”

Il-Qari tal-ġurnata: Iżaija 11:1-10; Salm 72; Luqa 10:21-24



MILL-EVANĠELJU

Ġesù jifraħ fl-Ispirtu s-Santu u jirringrazzja lill-Missier.
Il-preżenza ta’ Alla ġġib ferħ u tama lill-qalb li tinfetaħ għalih.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Iżaija jitkellem dwar żmien ta’ paċi. L-Avvent jistedinna nibdew nibnu din il-paċi fid-dar tagħna.
Il-paċi kultant tibda b’kelma żgħira: “Skużani”, “Naħfirlek”, “Grazzi”.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Agħmlu pass ta’ rikonċiljazzjoni ma’ xi ħadd. Jista’ jkun kelma ta’ maħfra, tgħanniqa jew sempliċement li titkellem bil-kalma.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Xi ħadd jixgħel ix-xemgħa**.**
Kulħadd jgħid flimkien: “Ġesù, agħmel il-familja tagħna dar ta’ paċi”.
Silenzju għal ftit mumenti.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

“Mur u sewwi d-dar tiegħi”
Meta Franġisku kien qed jitlob fil-Knisja żgħira ta’ San Damjan, ħass is-sejħa tal-Kurċifiss biex imur u “jsewwi d-dar” ta’ Alla.
Għall-ewwel Franġisku fehem dan bħala sejħa biex isewwi l-knisja fiżikament. Beda jiġbor il-ġebel u jaħdem b’idejh. Imma aktar tard fehem li Alla kien qed isejjaħlu għal xi ħaġa ferm akbar: biex jgħin fit-tiġdid tal-Knisja permezz ta’ ħajja mibnija fuq il-Vanġelu.



BIEX NAĦSBU

X’nistgħu nibdlu fid-dar tagħna biex ikun hemm aktar paċi?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej, Prinċep tal-paċi,
idħol fid-dar tagħna u ħalli l-paċi tiegħek issib postha fostna.
Fejn hemm rabja, ġib il-ħlewwa;
fejn hemm nuqqas ta’ qbil, ġib il-ftehim;
fejn hemm dwejjaq, ġib it-tama.
Għinna nitkellmu bi mħabba, nisimgħu b’paċenzja u naħfru minn qalbna.
Agħmel minna strumenti tal-paċi tiegħek, biex ngħixu fl-għaqda u nxerrdu l-imħabba tiegħek fil-familja tagħna.
Ammen.



L-ERBGĦA 2 TA' DIĊEMBRU

"Qalb li thenn"

Il-Qari tal-ġurnata: Iżaija 25:6-10a; Salm 23; Mattew 15:29-37



MILL-EVANĠELJU

Ġesù jara l-folla u jitqanqal bil-ħniena. Huwa jieħu ħsieb il-morda u dawk li m'għandhomx x'jieklu, u jitma' lill-folla.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Ġesù jara l-bżonnijiet tan-nies u ma jgħaddix minn quddiemhom bla ma jinduna.
Illum nistgħu nitgħallmu nagħmlu l-istess: naraw, nisimgħu u ngħinu.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Agħżlu persuna li għandha bżonn l-għajnuna u agħmlu xi ħaġa konkreta għaliha.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Xi ħadd jixgħel ix-xemgħa.
Ħarsu lejn id-dawl u għidu: “Ġesù, agħtina qalbek biex inkunu nistgħu nħobbu lil ħaddieħor”.
Silenzju.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Franġisku jagħżel ħajja sempliċi
Wara l-konverżjoni tiegħu, Franġisku beda jgħix b’mod differenti ħafna minn qabel. Ħalla warajh il-ġid u l-ħajja komda li kienet toffrilu l-familja tiegħu u għażel ħajja ta’ sempliċità u faqar, qrib tal-Vanġelu u tal-foqra. Il-faqar għal Franġisku ma kienx biss li jkollu inqas affarijiet. Kien mod kif ikun aktar liberu biex jagħti lilu nnifsu lil Alla u lill-oħrajn.



BIEX NAĦSBU

Min jafna llum jista’ jkollu bżonn ftit aktar imħabba, ħin jew għajnuna.



TALBA TAL-FAMILJA

Ġesù,
agħtina għajnejn li jaraw il-bżonnijiet ta’ ħaddieħor
u qalb li tħenn.
Tħalliniex ngħaddu minn ħdejn min hu fil-bżonn
mingħajr ma nieqfu nisimgħuh u ngħinuh.
Agħmel minn qalbna qalb li tħobb
u minn idejna jdejn li jaqdu,
biex il-familja tagħna tkun post fejn kulħadd iħossu milqugħ, maħbub u mismugħ.
Ammen.



IL-ĦAMIS 3 TA’ DIĊEMBRU

Tifkira ta’ San Franġisk Saverju

“Nibnu fuq il-blata”

Il-Qari tal-ġurnata: Iżaija 26:1-6; Salm 118; Mattew 7:21, 24-27



MILL-EVANĠELJU

Ġesù jgħid li min jisma’ kliemu u jgħixu huwa bħal bniedem għaqli li bena daru fuq il-blata. Meta jiġu x-xita, l-għargħar u r-riħ, id-dar tibqa’ wieqfa.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Familja soda tinbena fuq pedamenti sodi: il-fidi, it-talb, il-maħfra u l-imħabba.
Ma nkunux familja perfetta, imma nistgħu nkunu familja li dejjem terġa’ ddur lejn Ġesù.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Agħmlu 10 minuti ta’ talb flimkien bħala familja, mingħajr telefowns jew distrazzjonijiet.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Poġġu ġebla żgħira ħdejn ix-xemgħa bħala simbolu tal-blata.
Għidu flimkien: “Ġesù, inti l-blata tagħna. Ibqa’ żomm il-familja tagħna magħquda”.
Silenzju.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

L-ewwel aħwa
Meta Franġisku beda jgħix il-Vanġelu b’mod radikali, ma damux ma ngħaqdu miegħu oħrajn. Bernard ta’ Quintavalle, Pietru Catani, Eġidju u oħrajn ingħaqdu miegħu u bdiet tifforma komunità ta’ aħwa.
Huma riedu jgħixu l-Vanġelu flimkien, b’sempliċità, faqar u fraternità. Fl-1209 Franġisku u l-ewwel aħwa marru Ruma u kisbu l-approvazzjoni tal-Papa Innoċenz III għall-mod ġdid ta’ ħajja tagħhom.



BIEX NAĦSBU

X’inhi l-ħaġa li tgħinna nibqgħu magħqudin meta ngħaddu minn żmien diffiċli?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej Ġesù,
kun il-pedament u l-blata tal-familja tagħna.
Żommna sodi fil-fidi, magħqudin fl-imħabba u fidili fit-talb.
Meta niltaqgħu mad-diffikultajiet, agħtina l-qawwa;
meta nkunu mdejqa, agħtina t-tama;
u meta niżbaljaw, għallimna naħfru u nibdew mill-ġdid.
Għinna nibnu ħajjitna fuq il-kelma tiegħek,
biex ngħixu dejjem magħqudin fik.
Ammen.



IL-ĠIMGĦA 4 TA’ DIĊEMBRU

“Mela ħa jsirilkom skont il-fidi tagħkom!”

Il-Qari tal-ġurnata: Iżaija 29:17-24; Salm 27; Mattew 9:27-31



MILL-EVANĠELJU

Żewġ għomja jmorru wara Ġesù u jitolbuh ħniena. Ġesù jistaqsihom jekk jemmnux fih, u huma jafdaw fih.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Xi drabi ma narawx ċar kif se jiżvolġu l-affarijiet. Ma nafux kif se tissolva problema jew x’se ġġib il-ġurnata ta’ għada.
Il-fidi tfisser li nafdaw lil Ġesù anki meta għadna m’aħniex naraw it-triq kollha.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Kull membru tal-familja jgħid ħaġa waħda li jixtieq jafda f’idejn Ġesù.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Baxxu jew itfu għal ftit id-dwal tal-kamra u ħallu biss ix-xemgħa tal-Avvent mixgħula.
Għidu: “Ġesù, anki fid-dlam, aħna nafdaw fid-dawl tiegħek”.
Imbagħad żommu ftit mumenti ta’ silenzju.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Franġisku fuq La Verna
Fl-1224 Franġisku rtira fuq il-muntanja ta’ La Verna biex jgħaddi żmien fit-talb. F’dak iż-żmien għamel esperjenza profonda ta’ għaqda ma’ Kristu, u skont it-tradizzjoni Franġiskana rċieva l-pjagi ta’ Kristu – l-istigmati.
Franġisku kien qed ibati fiżikament, iżda kompla jafda f’Alla.



BIEX NAĦSBU

Hemm xi ħaġa li qed tinkwetana li nistgħu nafdawha flimkien f’idejn Ġesù?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej Ġesù,
kattar fina l-fidi
u għallimna nafdaw fik sew meta nifhmu
u anki meta ma narawx it-triq quddiemna.
Kun id-dawl tagħna meta nħossuna mitlufin,
agħtina l-kuraġġ meta nibżgħu
u qawwi fina t-tama meta naqtgħu qalbna.
Ibqa’ mexxina bid-dawl tiegħek
u għallimna ngħixu dejjem bil-fiduċja fik,
billi ngħidu minn qalbna: “Ġesù, aħna nafdaw fik”.
Ammen.



IS-SIBT 5 TA' DIĊEMBRU

"Il-ħsad huwa kbir"

Il-Qari tal-ġurnata: Iżaija 30:19-21,23-26; Salm 147; Mattew 9:35-10:1,5a,6-8



MILL-EVANĠELJU

Ġesù jdur fl-ibliet u l-irħula, jgħallem, ixandar is-Saltna u jfejjaq. Meta jara l-folol, jitqanqal bil-ħniena. Imbagħad isejjaħ lid-dixxipli u jibgħathom biex jaqdu u jagħmlu l-ġid.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

L-Avvent mhux biss żmien li nistennew lil Ġesù. Huwa żmien li nwasslu lil Ġesù għand ħaddieħor permezz ta' dak li nagħmlu.
Kull membru tal-familja jista' jkun mezz biex xi ħadd iħoss aktar imħabba, paċi u tama.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Agħmlu ġest ta' ġenerożità bil-moħbi. Ħadd ma jkollu għalfejn ikun jaf min għamlu.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Ħarsu lejn il-fjamma u għidu: “Ġesù, agħmel minna dawl għal xi ħadd illum”.
Imbagħad kulħadd jista’ jgħid f’qalbu: “Mulej, lil min tridni ngħin illum?”
Silenzju.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Franġisku u l-Għanja tal-Ħlejjaq
Fl-aħħar snin ta’ ħajtu, Franġisku kien qed ibati minn problemi serji ta’ saħħa u kważi tilef id-dawl. Minkejja t-tbatija, f’San Damjan kiteb il-famuża Għanja tal-Ħlejjaq, li fiha faħħar lil Alla għall-ħolqien: ix-xemx, il-qamar, l-ilma, in-nar u l-art.
Għalih, il-ħolqien kollu kien familja waħda li tfaħħar lil Alla.



BIEX NAĦSBU

Min għandna madwarna li nistgħu nagħtuh ftit aktar ħin, imħabba jew għajnuna?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej Ġesù,
nirringrazzjawk għal din l-ewwel ġimgħa tal-Avvent.
Għallimna nistennewk, nagħrfuk, inħobbuk u naqduk f’xulxin.
Agħtina jdejn li jgħinu, saqajn li jwassluna fejn hemm bżonn,
kliem li jfarraġ u qalb li tagħti mingħajr ma tistenna xejn lura.
Ħalli d-dawl li xgħelna jkompli jiddi fil-familja tagħna u,
permezz tagħna, fid-dinja kollha.
Agħmel minna strumenti tal-imħabba tiegħek,
biex bil-kliem u bl-għemil tagħna,
inwasslu t-tama, il-ferħ u l-paċi tiegħek lil dawk ta’ madwarna.
Ejja, Mulej Ġesù!
Ammen.





IT-TIENI ĠIMGĦA TAL-AVVENT

PAĊI

It-tieni xemgħa, magħrufa bħala x-Xemgħa ta' Betlehem, tirrappreżenta l-paċi u tfakkarna fil-vjaġġ ta' Ġużeppi u Marija lejn Betlehem.

6 – 12 ta' Diċembru 2026

Ġimgħa ta' tħejjija, paċi, fiduċja u ferħ fil-miġja ta' Ġesù



IL-ĦADD 6 TA’ DIĊEMBRU

IT-TIENI ĦADD TAL-AVVENT

“Ħejju t-triq tal-Mulej!”

Il-Qari tal-ġurnata: Iżaija 40:1-5, 9-11; Salm 85; 2 Pietru 3:8-14; Mark 1:1-8



MILL-EVANĠELJU

Ġwanni l-Battista jsejjaħ lill-poplu biex iħejji t-triq għall-Mulej u jħejji qalbu għall-miġja ta’ Ġesù.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Meta nkunu qed nistennew lil xi ħadd li nħobbu, nippreparaw id-dar.

- L-Avvent jistaqsina: kif qed nippreparaw qalbna?
- Forsi hemm xi ħaġa li rridu nsewwu, kelma li rridu ngħidu, maħfra li rridu nagħtu jew ħin li rridu nagħmlu għal Alla.
- It-triq għal Ġesù ma tinfetaħx biss bil-preparazzjoni ta’ barra, imma bil-qalb li tħallih jidħol.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Illum kull membru tal-familja jagħmel ħaġa waħda biex “jagħmel it-triq lixxa” għal xi ħadd ieħor: jgħin, jiskuża ruħu, jaħfer, jisma’ jew jagħti kelma sabiħa.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Xi ħadd jixgħel iż-żewġ xemgħat.
Kulħadd jibqa' sieket għal ftit mumenti.
Imbagħad għidu flimkien: "Ġesù, qed inħejjulek post f'qalbna u f'darna".



MILL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK TA' ASSISI

Jieqaf, Jitlob, Jisma'
Meta San Franġisk kien għadu qed ifittex x'ried Alla minnu, beda jieqaf, jitlob u jisma' aktar. Il-ħajja tiegħu ma nbidlitx f'daqqa; bdiet minn qalb li fetħet ruħha għal Alla.
Xi kultant ma nistgħux nibdlu kollox f'ġurnata. Imma nistgħu nibdew b'pass żgħir: nieqfu, nisimgħu u ngħidu: "Mulej, urini t-triq".



BIEX NAĦSBU

X'hemm f'ħajjitna li għandna nbiddlu jew insewwu biex inkunu aktar qrib ta' Ġesù?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej Ġesù,
f'dan l-Avvent għinna nħejju t-triq għalik,
mhux biss fid-dar tagħna, imma wkoll f'qalbna.
Neħħi minna dak kollu li jżommna 'l bogħod minnek,
u agħmel minna familja li taf tħobb, taħfer, tisma' u tgħin.
Fejn hemm dwejjaq, ġib il-ferħ;
fejn hemm rabja, ġib il-paċi;
u fejn hemm distanza, għinna nerġgħu noqorbu lejn xulxin.
Agħmel minna xhieda ta' tama u mħabba għal dawk ta' madwarna.
Ibqa' magħna, Mulej Ġesù, u għix fil-familja tagħna.
Ejja, Mulej Ġesù.
Ammen.



IT-TNEJN 7 TA’ DIĊEMBRU

“Qawwu l-idejn dgħajfa!”

Il-Qari tal-ġurnata: Iżaija 35:1-10; Salm 85; Luqa 5:17-26



MILL-EVANĠELJU

Xi nies iġorru quddiem Ġesù raġel paralizzat. Meta ma setgħux jidħlu minħabba l-folla, sabu mod kif iwassluh quddiem Ġesù.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

F’dan il-Qari naraw nies li ma ħallewx lil ħabibhom waħdu. Huma ġarrewh sa għand Ġesù.
Il-familja wkoll tista’ tkun bħal dawk l-irġiel: meta xi ħadd ikun dgħajjef, imdejjaq jew mitluf, ma nħalluhx waħdu.
Xi kultant ma jkollniex is-soluzzjoni għall-problema ta’ xi ħadd. Imma nistgħu nkunu qrib tiegħu.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Agħżlu persuna li forsi qed tgħaddi minn żmien diffiċli u għamlulha telefonata, messaġġ jew żjara biex turuha li mhix waħedha.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Qabel ma tixegħlu x-xemgħat, kulħadd isemmi f'qalbu persuna li għandha bżonn l-għajnuna ta' Ġesù.
Xi ħadd jixgħel ix-xemgħat u għidu: "Ġesù, agħtina l-qawwa biex inġorru lil xulxin".



MILL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK TA' ASSISI

Il-laqgħa mal-lebbruż tibdlu
Fil-kitbiet tiegħu, San Franġisk jirrakkonta kif il-laqgħa tiegħu ma' persuni bil-lebbra, li qabel kienet tidhirlu ħaġa morra u diffiċli, saret għalih esperjenza ta' "ħlewwa tar-ruħ u tal-ġisem".



BIEX NAĦSBU

Min għandna qrib tagħna li forsi qed iħossu waħdu jew għajjien? Kif nistgħu ngħinuh?



TALBA TAL-FAMILJA

Ġesù,
agħmel mill-familja tagħna post fejn ħadd ma jħossu waħdu.
Agħtina qalb li tagħraf il-bżonnijiet ta' xulxin,
widnejn biex nisimgħu u jdejn biex ngħinu.
Għallimna nġorru lil xulxin bil-paċenzja u bl-imħabba,
u nressqu lil min għandu bżonn jersaq eqreb lejk.
Ammen.



IT-TLIETA 8 TA’ DIĊEMBRU

SOLENNITÀ TAL-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI

“Hawn jien, il-qaddejja tal-Mulej!”

Il-Qari tal-ġurnata: Ġenesi 3:9-15, 20; Salm 98; Efesin 1:3-6, 11-12; Luqa 1:26-38



MILL-EVANĠELJU

L-anġlu jħabbar lil Marija li se ssir omm Ġesù. Marija twieġeb bil-fidi u l-fiduċja: “Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej”.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Marija ma kellhiex it-tweġibiet kollha. Ma kinitx taf kif kienet se tkun il-ħajja tagħha. Imma kellha qalb miftuħa għal Alla.
Xi kultant aħna wkoll ma nafux x’se jiġri għada. L-Avvent jgħallimna ngħidu bħal Marija: “Mulej, nafda fik”.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Illum ippruvaw għidu kemm-il darba “*Hawn jien*” meta xi ħadd fid-dar jitlobkom l-għajnuna.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Ħarsu lejn il-fjamma u għidu bil-mod: “Marija, għallimna nafdaw f’Alla”. Wara, kull membru jgħid f’qalbu ħaġa waħda li jixtieq jafda f’idejn Alla.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Imħabba speċjali lejn l-Omm Qaddisa ta’ Alla

San Franġisk kien iħobb b’mod speċjali lil Marija, u lill-post fejn il-komunità tiegħu kienet tgħix qrib Santa Marija tal-Anġli, il-Porzjunkola, kien jagħtih importanza kbira. Fit-*Tislima lill-Verġni Marija* jgħidilha, fost l-oħrajn:

Sliem, o Sinjura, Sultana qaddisa, Marija,
Omm Qaddisa ta’ Alla, int il-Verġni magħmula Knisja.
Dik magħżula fis-sema mill-Missier l-aktar qaddis
li kkonsagrak flimkien ma’ Ibnu l-għażiż l-aktar qaddis
u mal-Ispirtu s-Santu, Paraklitu,
li fik kien hemm u għad hemm il-milja tal-grazzja u kull tjieba.
Sliem, palazz tiegħu, sliem, tabernaklu tiegħu,
sliem, dar tiegħu, sliem, ilbies tiegħu
sliem, qaddejja tiegħu, sliem, omm tiegħu!



BIEX NAĦSBU

Meta nsibuha diffiċli nafdaw f’Alla? X’nistgħu nitgħallmu minn Marija?



TALBA TAL-FAMILJA

Marija, Omm Ġesù,
żommna taħt il-ħarsien tiegħek.
Għallimna nafdaw f’Alla u nħalluh jaħdem fina.
Meta nibżgħu, agħtina l-fiduċja,
u meta jsejħilna biex nagħmlu l-ġid, agħtina l-kuraġġ ngħidu: “Hawn jien”.
Għinna ngħidu “iva” għall-imħabba tiegħu.
Itlob għalina u għall-familja tagħna. Ammen.



L-ERBGĦA 9 TA' DIĊEMBRU

"Ejjew għandi...u nagħtikom il-mistrieħ."

Il-Qari tal-ġurnata: Iżaija 40:25-31; Salm 103; Mattew 11:28-30



MILL-EVANĠELJU

Ġesù jistieden lil dawk li huma għajjenin u mtaqqlin biex jersqu lejh, u jwegħedhom il-mistrieħ.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Il-ħajja tal-familja tista' tkun mimlija xogħol, skola, impenji, mowbajls, ġiri u għeja.
Illum Ġesù jgħidilna: "Ejjew għandi".
L-Avvent huwa wkoll stedina biex nieqfu ftit. Mhux kull mument irid ikun mimli ħsejjes. Xi kultant għandna bżonn ftit skiet biex nerġgħu niftakru li Ġesù qiegħed magħna.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Agħtu lil xi ħadd fid-dar ftit mistrieħ: agħmlu xogħol minfloku, ħalluh jistrieħ jew offru li tieħdu ħsieb xi ħaġa li normalment jagħmel hu.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Poġġu bilqiegħda għal minuta mingħajr telefowns, televiżjoni jew kliem.
Ħarsu lejn ix-xemgħat u għidu: “Ġesù, inti l-paċi tagħna”.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Jgħaddi mit-tbatija
San Franġisk għadda wkoll minn żminijiet ta’ mard u tbatija. F’San Damjan, waqt perjodu diffiċli ħafna, daq l-imħabba u l-faraġ ta’ Alla u minn hemm twieldet ukoll il-famuża *Għanja tal-Ħlejjaq*, għanja ta’ tifħir u radd il-ħajr.



BIEX NAĦSBU

X’jagħtina l-aktar paċi meta nkunu għajjenin jew inkwetati?



TALBA TAL-FAMILJA

Ġesù,
meta nkunu għajjenin jew inkwetati,
agħtina l-mistrieħ, il-paċi u s-saħħa tiegħek.
Agħmel mid-dar tagħna post ta’ mħabba u sliem,
fejn nisimgħu, nifhmu u ngħinu lil xulxin
mingħajr ma nżidu l-piż fuq ħaddieħor.
Ibqa’ qrib tagħna.
Ammen.



IL-ĦAMIS 10 TA’ DIĊEMBRU

“Tibżax, jien ngħinek.”

Il-Qari tal-ġurnata: Iżaija 41:13-20; Salm 145; Mattew 11:11-15



MILL-EVANĠELJU

Ġesù jiżgurana li jekk aħna nilqgħu s-saltna tiegħu, ikollna l-paċi tal-qalb u nkunu akbar saħansitra minn Ġwanni l-Battista. Alla huwa dejjem magħna u ma jitlaqniex.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Kull familja tgħaddi minn mumenti ta’ biża’: dwar is-saħħa, ix-xogħol, l-iskola, il-futur jew problemi li ma nafux kif se nsolvuhom.
Alla ma jwegħedniex li qatt ma jkollna problemi. Imma jwegħedna li ma nkunux waħedna.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Illum kull membru tal-familja jgħid kelma ta’ kuraġġ lil persuna oħra: “Taqtax qalbek. Jien miegħek”.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Wieħed mill-ġenituri jżomm idejn it-tfal, u mbagħad kulħadd iżomm idejn xulxin.
Għidu flimkien: “Mulej, żommna lkoll f’idejk”.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Liema Dar?
Quddiem il-Kurċifiss ta’ San Damjan, San Franġisk ħass is-sejħa ta’ Kristu biex imur u “jsewwi d-dar” tiegħu. Il-ħajja tiegħu mbagħad saret vjaġġ ta’ fiduċja, pass wara pass.



BIEX NAĦSBU

Hemm xi ħaġa li qed tibża’ minnha, li tista’ tpoġġiha f’idejn Ġesù?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej Ġesù,
meta nibżgħu, agħtina l-kuraġġ;
meta nħossuna dgħajfin, kun is-saħħa tagħna.
Mexxina fit-triq tiegħek u għinna ngħinu lil xulxin bil-fidi u t-tama.
Qatt tħallina waħedna.
Ammen.



IL-ĠIMGĦA 11 TA' DIĊEMBRU

"Dawk li jimxu warajja jkollhom id-dawl tal-ħajja."

Il-Qari tal-ġurnata: Iżaija 48:17-19; Salm 1; Mattew 11:16-19



MILL-EVANĠELJU

Il-Mulej jgħallimna dak li hu ta' ġid għalina u jmexxina fit-triq li għandna nimxu. Is-Salm ifakkarna li min jafda fil-Mulej ikun bħal siġra mħawla ħdejn l-ilma. Ġesù jwissi biex nilqgħu l-kelma u s-sejħat tiegħu.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Siġra b'saħħitha ma tikbirx f'ġurnata. Għandha bżonn għeruq, ilma, dawl u żmien.
Hekk ukoll il-fidi tagħna. Neħtieġu ż-żmien, it-talb, il-Kelma ta' Alla u l-imħabba fil-familja.
Illum nistaqsu lilna nfusna: x'qed nagħmlu biex l-għeruq tagħna f'Alla jkunu aktar b'saħħithom?



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Illum ippruvaw li tagħmlu ħaġa waħda tajba mingħajr ma tgħidu lil ħadd min għamilha.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Ħarsu lejn id-dawl u għidu: “Mulej, kun id-dawl tat-triq tagħna”. Imbagħad żommu ftit silenzju.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Il-Ħolqien iwassalna għand Alla

Fl-*Għanja tal-Ħlejjaq*, San Franġisk sab raġuni biex ifaħħar lil Alla mqar f’nofs tbatija u dgħufija. Il-Kantiku tiegħu juri ħarsa lejn il-ħolqien bħala rigal li jwassalna lejn il-Ħallieq.



BIEX NAĦSBU

X’jgħinna nibqgħu qrib ta’ Alla meta nkunu għaddejjin minn żmien diffiċli?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej,
saħħaħ il-fidi tagħna fik
u mexxina bid-dawl tal-Kelma tiegħek.
Agħmel mill-familja tagħna
siġra li tagħti mħabba, frott u kenn lil min jiġi qrib tagħna.
Ammen.



IS-SIBT 12 TA’ DIĊEMBRU

“Dawwar qalbna lejk, Mulej.”

Il-Qari tal-ġurnata: Sirak 48:1-4, 9-11; Salm 80; Mattew 17:10-13



MILL-EVANĠELJU

Il-Qari jfakkarna fil-missjoni ta’ Elija u fit-tħejjija għaż-żmien tal-Mulej. Is-Salm jitlob: “Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti; itfa’ fuqna d-dija ta’ wiċċek, u nkunu salvi”. Ġesù jħabbar li kellu jbati.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Matul din il-ġimgħa tkellimna dwar li nħejju t-triq, ngħinu lil min hu dgħajjef, nafdaw, nistrieħu f’Ġesù u nimxu fid-dawl tiegħu.
Xi kultant ma jkollniex bżonn li Alla jibdel kollox madwarna. Għandna bżonn li hu jdawwar qalbna lejh. “Mulej, reġġagħna għal li konna”.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Illum agħmlu mument ta’ rikonċiljazzjoni fil-familja. Jekk hemm xi nuqqas ta’ qbil, ippruvaw tkellmu b’qalb kalma u għidu: “Ejja nerġgħu nibdew”.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Xi ħadd jixgħel ż-żewġ xemgħat.
Kulħadd jgħid bil-mod: “Mulej, dawwar qalbi lejk”.
Wara ftit silenzju, għidu flimkien: “Ejja, Mulej Ġesù”.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Nimitaw l-umiltà t’Alla

Fl-*Ittra lill-Ordni Kollu* 27-28, San Franġisk ifaħħar lil Alla għall-umiltà tiegħu u jistieden lilna wkoll inkunu umli. “O għoli tal-għaġeb u x’għaġeb ta’ tbaxxija! O umiltà mill-aktar għolja! O x’kobor mill-aktar umli, li l-Mulej ta’ kulħadd, Alla u l-Iben ta’ Alla, hekk ixejjen lilu nnifsu, li għas-salvazzjoni tagħna jinħeba taħt ix-xbieha ta’ farka ħobż! L-aħwa tiegħi, araw l-umiltà ta’ Alla u sawbu l-qlub tagħkom quddiemu (Salm 61:9); umiljaw ruħkom, sabiex hu jerfagħkom (ara 1 Piet 5:6; Ġak 4:10).



BIEX NAĦSBU

X’tgħallimna din it-tieni ġimgħa tal-Avvent dwar kif nistgħu nersqu aktar lejn Ġesù?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej Ġesù,
dawwar qalbna lejk u għinna nħejju t-triq għalik
billi ngħixu fl-imħabba, fil-maħfra u fil-paċi.
Meta nitbiegħdu minnek, erġa’ ressaqna lejk
u għallimna, bħal San Franġisk, ngħixu bi gratitudni u umiltà.
Ejja, Mulej Ġesù, u ibqa’ magħna.
Ammen.





IT-TIELET ĠIMGĦA TAL-AVVENT

FERĦ

It-tielet xemgħa, magħrufa bħala x-Xemgħa tar-Raġħajja, tirrappreżenta l-ferħ u tfakkarna fil-ferħ li ħassew ir-raġħajja mat-twelid ta' Ġesù.

13 – 19 ta' Diċembru 2026

Ġimgħa ta' ferħ, dawl, fiduċja u tama fil-qrubija ta' Ġesù



IL-ĦADD 13 TA’ DIĊEMBRU

IT-TIELET ĦADD TAL-AVVENT

“Ifirħu dejjem fil-Mulej!”

Il-Qari tal-ġurnata: Iżaija 61:1-2a,10-11; Luqa 1:46-48,49-50,53-54; 1 Tessalonkin 5:16-24; Ġwanni 1:6-8,19-28



MILL-EVANĠELJU

Ġwanni l-Battista jixhed għad-dawl u jgħid li hu sempliċement vuċi li tħejji t-triq għall-Mulej. Ġesù hu dak li ġej.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Illum il-Knisja tistedinna għall-ferħ.
Imma l-ferħ Nisrani mhuwiex li kollox dejjem imur tajjeb. Hu l-ferħ li jiġi mill-għarfien li Alla jinsab magħna.
Ġwanni l-Battista ma qalx: “Ħarsu lejja”. Hu dawrilna l-ħarsa tagħna lejn Ġesù.
Anki aħna nistgħu nkunu dawl għall-oħrajn meta ngħinuhom jiskopru t-tama, il-paċi u l-imħabba ta’ Alla.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Illum agħmlu xi ħaġa li ġġib ferħ lil xi ħadd mingħajr ma tistennew xejn lura: telefonata, messaġġ, rigal żgħir jew kelma ta’ kuraġġ.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Xi ħadd jixgħel t-tliet xemgħat, it-tielet waħda tkun ir-roża.
Ħarsu lejn id-dawl u għidu flimkien: “Ġesù, inti l-ferħ tagħna. Għinna nkunu dawl għal oħrajn”.
Kulħadd jgħid f’qalbu ħaġa waħda li għaliha jixtieq jirringrazzja lil Alla.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Il-Milied fi Greccio
Meta San Franġisk organizza ċ-ċelebrazzjoni tal-Milied fi Greccio fl-1223, ried jgħin lin-nies jesperjenzaw b’mod aktar konkret il-faqar u l-umiltà tat-twelid ta’ Ġesù. Is-sorsi Franġiskani jiddeskrivu dik il-lejla bħala waħda mimlija ferħ, dawl u tifħir.



BIEX NAĦSBU

X’hemm li jagħtina ferħ veru fil-familja tagħna?



TALBA TAL-FAMILJA

Ġesù, imla d-dar tagħna bil-ferħ tiegħek.
Għinna nkunu grati għal xulxin
u naqsmu l-ferħ tagħna ma’ min hu waħdu.
Agħmel mill-familja tagħna xhieda tad-dawl u l-imħabba tiegħek.
Ejja, Mulej Ġesù.
Ammen.



IT-TNEJN 14 TA' DIĊEMBRU

Tifkira ta' San Ġwann tas-Salib

"Mulej, urina t-triq tiegħek."

Il-Qari tal-ġurnata: Numri 24:2-7, 15-17a; Salm 25; Mattew 21:23-27



MILL-EVANĠELJU

Ġesù għandu s-setgħa li ġejja minn Alla għax hu Alla. Il-bnedmin jippruvaw ikollhom jew jakkwistaw is-setgħa fuq xulxin. Kull setgħa ġejja minn Alla. Fil-familja l-unika setgħa hi s-setgħa tal-imħabba li tpoġġina lkoll indaqs u titlob minna li nkunu qaddejja umli ta' xulxin.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Illum niltaqgħu ma' Ġesù li jgħinna naħsbu dwar l-awtorità u l-fiduċja. Xi kultant inkunu rridu nkunu nafu kollox qabel nagħmlu pass. Irridu nkunu nafu fejn se twassalna t-triq, x'se jiġri u kif se tispiċċa. Imma l-fidi tgħallimna nistaqsu wkoll: "Mulej, x'inhu l-pass li trid minni llum?".



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Qabel ma nagħmlu xi deċiżjoni jew tweġiba importanti llum, nieqfu għal ftit sekondi u ngħidu: "Mulej, x'tixtieqni nagħmel?".



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Xi ħadd jixgħel it-tliet xemgħat.
Kulħadd jagħlaq għajnejh għal mument u jgħid f'qalbu: "Mulej, mexxini fit-triq tiegħek".



MILL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK TA' ASSISI

Il-Vjaġġ tal-Ħajja
San Franġisk għadda minn vjaġġ twil biex jifhem x'kien qed jitlob minnu Alla. Fil-bidu ma kellux il-pjan kollu quddiemu. Huwa mexa pass wara pass, u bil-mod il-mod fehem is-sejħa tiegħu għall-ħajja tal-Evanġelju.



BIEX NAĦSBU

Meta nsibuha diffiċli nafdaw lil Alla u nħalluh imexxina?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej,
agħtina l-għerf biex nagħrfu r-rieda tiegħek,
id-dawl biex nisimgħu leħnek
u l-kuraġġ biex nimxu warajk.
Għallimna nafdawk u nħallu lilek tmexxina.
Ammen.



IT-TLIETA 15 TA' DIĊEMBRU

- **Mil-lum tibda n-Novena tal-Milied.**
- **Tajjeb li nagħmlu l-impenn li nattendu għaċ-ċelebrazzjoni tan-Novena li ssir fil-knisja u nieħdu t-tfal magħna.**
- **Isiru wkoll mixjiet tan-Novena fl-Oqsma tal-Museum.**

"Il-Mulej jinsab fostna."

Il-Qari tal-ġurnata: Sofonija 3:1-2, 9-13; Salm 34; Mattew 21:28-32



MILL-EVANĠELJU

Ġesù jfakkarna li r-risposta tagħna lil Alla trid tkun imsarrfa f'azzjoni li taqbel ma' dak li aħna ngħidu u nistqarru. Mhux biżżejjed "iva" bil-kliem. Tinħtieġ l-"iva" bl-għemil.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Ġesù jgħallimna li mhux biżżejjed ngħidu l-kliem it-tajjeb. Dak li jgħodd hu dak li nagħmlu.

Fil-familja huwa faċli ngħidu "iva" u mbagħad ninsew. L-imħabba vera tidher fl-azzjonijiet żgħar: ngħinu, inżommu kelmitna, naħfru, nisimgħu.

Illum Ġesù jistaqsina: "Il-fidi tiegħek tidher fil-mod kif tgħix?".



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Agħżlu azzjoni waħda ta' mħabba li normalment tgħidu li se tagħmlu, imma forsi dejjem tħalluha għal aktar tard. Illum agħmluha.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Ħarsu lejn id-dawl u għidu:
“Ġesù, agħmel li l-imħabba tagħna tidher fl-għemil tagħna”.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Ixandar lil Kristu bl-għażliet tiegħu
Fl-aħħar ta’ ħajtu, San Franġisk ħalla lill-aħwa tiegħu testment sempliċi ħafna. Fost il-kliem tiegħu kien hemm l-istedina biex dejjem iħobbu lil xulxin. Fir-*Regola mhux Bullata* (Kapitlu XVII), San Franġisk jikteb b’mod sempliċi: “L-aħwa kollha, madankollu, għandhom jippritkaw permezz tal-opri”.



BIEX NAĦSBU

Liema għemil żgħir jista’ jurina li aħna verament inħobbu lil xulxin?



TALBA TAL-FAMILJA

Ġesù, għinna ngħixu l-imħabba bil-kliem u bl-għemil.
Agħtina qalb sinċiera u idejn lesti biex nagħmlu l-ġid bihom.
Agħmel mid-dar tagħna post fejn l-imħabba tidher kuljum.
Ammen.



L-ERBGĦA 16 TA' DIĊEMBRU

"Morru u għidu dak li rajtu u smajtu."

Il-Qari tal-ġurnata: Iżaija 45:6b-8,18,21b-25; Salm 85; Luqa 7:19-23



MILL-EVANĠELJU

Ġesù jibgħat jgħid lil Ġwanni mad-dixxipli li dan kien bagħat biex jistaqsuh kienx hu l-Messija biex jagħtuh l-aħbar ta' dak li raw u semgħu! Ejjew nagħmlu ta' kuljum l-esperjenza ħajja ta' Ġesù fil-Kelma u fl-Ewkaristija.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Meta Ġwanni jibgħat jistaqsi lil Ġesù jekk huwiex dak li kellu jiġi, Ġesù ma jagħtix biss risposta bil-kliem. Juri dak li qed jiġri: il-morda jiġu mfejqin, il-foqra jisimgħu l-Aħbar it-Tajba, u l-ħajja terġa' titwieled.
Xi kultant l-aqwa mod kif nagħtu xhieda ta' Ġesù huwa bil-mod kif ngħixu.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Agħmlu azzjoni ta' ħniena li ma tkunx mistennija: għinu persuna, żuru lil xi ħadd, agħtu ikel jew sempliċement agħtu ħin lil min għandu bżonnu.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Għidu flimkien: “Ġesù, għinna nkunu xhieda tad-dawl tiegħek”.
Imbagħad ftit sekondi ta’ silenzju.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Jgħix l-Evanġelju
San Franġisk ma riedx biss jitkellem dwar l-Evanġelju; ried jgħixu. Il-ħajja tiegħu ta’ sempliċità, fraternità, servizz u qrubija lejn il-foqra saret parti mill-predikazzjoni tiegħu.
“Aħna ommijietu, meta nġorruh fil-qalb u fil-ġisem tagħna bl-imħabba u b’kuxjenza safja u sinċiera; inwellduh bl-għemejjel qaddisa tagħna, li għandhom jiddu quddiem l-oħrajn bħala eżempju” (*Ittra lill-Insara* II, 45).



BIEX NAĦSBU

Jekk xi ħadd josserva l-familja tagħna, liema sinjal ta’ Ġesù nistgħu nuruh?



TALBA TAL-FAMILJA

Ġesù,
agħmel minn ħajjitna xhieda tal-imħabba tiegħek.
Għinna nkunu qrib min hu mdejjaq,
ngħinu lil min hu għajjien,
u nagħtu tama lil min għandu bżonnha.
Ammen.



IL-ĦAMIS 17 TA’ DIĊEMBRU

“Mulej, għallimna t-triq tal-għerf.”

Il-Qari tal-ġurnata: Ġenesi 49:2, 8-10; Salm 72; Mattew 1:1-17



MILL-EVANĠELJU

Il-Vanġelu jagħtina ġenealoġija twila: ismijiet wara ismijiet. Xi wħud minnhom huma magħrufa, oħrajn kważi minsija. Imma kull wieħed għandu post fl-istorja li twassal għat-twelid ta’ Kristu.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Illum nibdew il-ġranet speċjali tal-Avvent li fihom il-Knisja tħares b’aktar intensità lejn il-miġja ta’ Ġesù. Anki l-familja tagħna għandha storja. Alla jista’ jidħol fiha, bil-ferħ tagħha u bil-feriti tagħha, u jġib miegħu l-grazzja tiegħu.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Staqsu lil membru anzjan tal-familja storja waħda dwar il-familja tagħkom u isimgħuha b’attenzjoni.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Xi ħadd jixgħel ix-xemgħat.
Għidu bil-mod: “O Għerf ta’ Alla, ejja u għallimna nimxu fit-triq tiegħek”.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Faqar u Umiltà
San Franġisk għażel ħajja li ma kinitx mibnija fuq il-ġid jew il-prestiġju. Fit-tradizzjoni Franġiskana, il-faqar u l-umiltà kienu mod kif wieħed jagħmel aktar spazju għal Alla u għall-oħrajn. “Hu fuq kollox ifitex li aħna dejjem inħejjulu għamara u dar fejn jgħammar, hu li hu l-Mulej Alla li jista’ kollox, Missier u iben u Spirtu s-Santu” (*Regola mhux Bullata* XXII,27).



BIEX NAĦSBU

X’għerf tajjeb tgħallimna mill-ġenituri, nanniet jew persuni anzjani fil-familja tagħna?



TALBA TAL-FAMILJA

O Ġesù, Għerf ta’ Alla,
għallimna ngħixu b’għaqal u mħabba.
Għinna nitgħallmu mill-ġenerazzjonijiet ta’ qabilna
u nħallu eżempju tajjeb għal dawk li jiġu warajna.
Kun id-dawl tagħna fid-deċiżjonijiet ta’ kuljum.
Ammen.



IL-ĠIMGĦA 18 TA' DIĊEMBRU

"Mulej, ejja u salvana."

Il-Qari tal-ġurnata: Ġeremija 23:5-8; Salm 72; Mattew 1:18-25



MILL-EVANĠELJU

Ġużeppi kien quddiem sitwazzjoni li ma kienx qed jifhem. Kellu pjanijiet, imma Alla stiednu jafda fi pjan differenti. Ġużeppi ma jitkellimx ħafna fil-Vanġelu. Imma jisma' u jagħmel.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

F'dan l-Avvent, forsi Alla wkoll qed isejħilna biex nisimgħu aktar u nafdaw aktar.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Illum agħmlu xi ħaġa li tgħin lil xi ħadd mingħajr ma tagħmlu ħafna storbju dwarha.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Kulħadd iżomm ftit silenzju.
Imbagħad għidu: “O Mulej, ejja u salvana”.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Bidliet kontinwi
Il-ħajja ta’ San Franġisk kienet mimlija bidliet li ma kienx ippjana hu stess. Minn żagħżugħ li kellu ħolm differenti, sar bniedem li fittex li jgħix skont il-Vanġelu.
Is-sorsi Franġiskani juru li s-sejħa tiegħu żvolġiet bil-mod il-mod tul ħajtu kollha.



BIEX NAĦSBU

Meta l-affarijiet ma jmorrux kif ippjanajna, kif nistgħu nitgħallmu nafdaw aktar f’Alla?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej Ġesù, agħtina l-fidi ta’ Ġużeppi
biex nafdawk meta ma nifhmux
u nżommu t-tama meta l-pjanijiet jinbidlu.
Agħtina l-kuraġġ nagħmlu t-tajjeb u mexxina fit-triq tiegħek.
O Mulej, ejja u salvana. Ammen.



IS-SIBT 19 TA’ DIĊEMBRU

“Ejja, Mulej, u ġib it-tama.”

Il-Qari tal-ġurnata: Mħallfin 13:2-7, 24-25a; Salm 71; Luqa 1:5-25



MILL-EVANĠELJU

Il-Qari tal-lum jibda bi storja ta’ stennija. Żewġ persuni li kienu ilhom jistennew taslilhom aħbar li Alla ma nsihomx. Ftit jiem qabel il-Milied, il-Kelma ta’ Alla tfakkarna: Alla ma jinsa lil ħadd.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Forsi hemm talba li ilha f’qalbna. Forsi hemm persuna li għadha qed tistenna. Forsi hemm sitwazzjoni li tidher bla tama. L-Avvent jgħallimna nibqgħu nittamaw.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Agħżlu persuna li għaddejja minn żmien ta’ stennija jew diffikultà u itolbu għaliha bħala familja. Jekk tistgħu, ibagħtulha wkoll kelma ta’ tama.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Xi ħadd jixgħel it-tliet xemgħat.
Għidu flimkien: “O Għerq ta’ Ġesse, ejja u ġib it-tama”.
Imbagħad kulħadd jgħid f’qalbu isem ta’ persuna li jixtieq jafda f’idejn Ġesù.



MILL-ĦAJJA TA’ SAN FRANĠISK TA’ ASSISI

Ifaħħar lil Alla dejjem
San Franġisk għadda minn żminijiet ta’ tbatija, mard u inċertezza. Iżda saħansitra fl-aħħar snin ta’ ħajtu, meta kien qed ibati ħafna, kompla jsib raġuni biex ifaħħar lil Alla.
L-*Għanja tal-Ħlejjaq* tiegħu saret għanja ta’ tifħir u tama anki f’nofs it-tbatija. Is-sorsi Franġiskani jirrakkontaw ukoll li San Franġisk żied strofa dwar il-maħfra biex iħeġġeġ ir-rikonċiljazzjoni bejn l-Isqof u l-Podestà ta’ Assisi.



BIEX NAĦSBU

X’jgħinna nżommu t-tama meta jkollna nistennew għal żmien twil?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej Ġesù, żomm ħajja t-tama tagħna,
speċjalment meta l-istennija tkun twila.
Ftakar f’dawk li qed ibatu u jistennew aħbar tajba, fejqan jew paċi.
O Għerq ta’ Ġesse, ejja u saħħaħ fina t-tama fik.
Ammen.





IR-RABA' U L-AĦĦAR ĠIMGĦA TAL-AVVENT

IMĦABBA

Ir-raba' xemgħa, magħrufa bħala x-Xemgħa tal-Anġli, tirrappreżenta l-imħabba u tissimbolizza l-imħabba ta' Alla lejn l-umanità kollha.

20 – 24 ta' Diċembru 2026 - *Ġimgħa ta' stennija, fiduċja, maħfra u preparazzjoni għall-miġja ta' Ġesù*



IL-ĦADD 20 TA’ DIĊEMBRU

IR-RABA’ ĦADD TAL-AVVENT

“Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej.”

Il-Qari tal-ġurnata: 2 Samwel 7:1-5,8b-12,14a,16; Salm 89; Rumani 16:25-27; Luqa 1:26-38



MILL-EVANĠELJU

L-anġlu Gabrijel iħabbar lil Marija li hi se ssir omm Ġesù. Marija, minkejja li ma tifhimx kollox, tafda f’Alla u twieġeb: “Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skont kelmtek”.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Wasalna fl-aħħar ġranet tal-Avvent.
F’dawn l-aħħar ġimgħat ippruvajna nħejju t-triq, inġibu l-paċi, ngħinu, nafdaw u nżommu t-tama.
Illum niltaqgħu ma’ Marija.
Hi ma kellhiex it-tweġibiet kollha. Ma kinitx taf kif se tkun il-ħajja tagħha. Imma kellha qalb li kienet lesta tgħid “iva” lil Alla.
Fadal ftit jiem għall-Milied. Forsi għandna ħafna x’nagħmlu. Imma l-aktar ħaġa importanti hi li nħejju qalbna.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Illum kull membru tal-familja jagħmel ħaġa waħda li normalment ma jkunx jixtieq jagħmel, imma jagħmilha bil-ferħ bħala rigal lil Ġesù.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Xi ħadd jixgħel l-erba' xemgħat.
Ħarsu lejn id-dawl għal ftit mumenti.
Imbagħad għidu flimkien: "Ġesù, il-qalb tagħna hija d-dar tiegħek. Ejja għandna".



MILL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK TA' ASSISI

Il-ġrajja tal-Milied isseħħ ta' kuljum
San Franġisk kellu mħabba kbira lejn il-misteru tat-Twelid ta' Ġesù. Fi Greccio, fl-1223, ried jgħin lin-nies jgħixu b'mod aktar konkret il-faqar, l-umiltà u l-imħabba ta' Alla li sar bniedem.
Fit-*Twissijiet* (Kapitlu 1,16-18) jikteb lill-aħwa: "Ara, ta' kuljum Hu jxejjen lilu nnifsu bħal meta mit-tron tas-saltna tiegħu niżel fil-ġuf tal-Verġni; ta' kuljum jiġi għandna taħt dehra tassew umli; ta' kuljum jinżel minn ħdan il-Missier fuq l-altar f'idejn is-saċerdot".



BIEX NAĦSBU

X'nistgħu nagħmlu din il-ġimgħa biex inħejju aktar qalbna milli d-dar tagħna għall-Milied?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej Ġesù, bħal Marija,
għinna ngħidulek "iva" u nafdawk,
imqar meta nibżgħu jew ma nifhmux.
Ħejji qalbna għall-miġja tiegħek,
biex nilqgħuk bi mħabba f'darna u f'qalbna.
Ejja, Mulej Ġesù.
Ammen.



IT-TNEJN 21 TA’ DIĊEMBRU

“Qalbna taqbeż bil-ferħ għalik.”

Il-Qari tal-ġurnata: Għanja tal-Għanjiet 2:8-14
jew Sofonija 3:14-18a; Salm 33; Luqa 1:39-45



MILL-EVANĠELJU

Marija tmur iżżur lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta tisma’ t-tislima ta’ Marija, it-tarbija f’ġufha taqbeż bil-ferħ.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Marija ma żżommx il-ferħ tagħha għaliha. Hi tmur għand Eliżabetta. Il-preżenza ta’ Marija ġġib magħha ferħ, tama u l-preżenza ta’ Ġesù. Anki aħna nistgħu nkunu bħal Marija. Meta mmorru għand xi ħadd li qed ibati, meta nżuru lil xi ħadd waħdu, meta nagħtu kelma ta’ kuraġġ, inkunu qed inwasslu ftit mid-dawl ta’ Ġesù.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Żuru jew ċemplu lil xi ħadd li jista’ jkun qed iħossu waħdu f’dawn il-jiem.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Xi ħadd jixgħel l-erba' xemgħat.
Wieħed jgħid: "Ejja, Ġesù".
U l-oħrajn iwieġbu: "Ġib il-ferħ tiegħek f'qalbna".
Irrepetu darbtejn jew tliet darbiet bil-mod.



MILL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK TA' ASSISI

Sempliċità u Mħabba
San Franġisk kien iħares lejn kull persuna bħala ħuh jew oħtu. Għalih, il-ħajja tal-Evanġelju kienet tfisser li wieħed joħroġ minnu nnifsu u jersaq lejn l-oħrajn b'sempliċità u mħabba.



BIEX NAĦSBU

Lil min nistgħu nġibu ftit ferħ jew tama f'dawn il-jiem qabel il-Milied?



TALBA TAL-FAMILJA

Ġesù, imla qalbna bil-ferħ tiegħek
u agħmel minna nies li jġibu t-tama u l-imħabba.
Bħal Marija, għinna niftakru f'dawk li jbatu jew huma waħedhom
u nkunu rigal għal kull min niltaqgħu miegħu.
Ammen.



IT-TLIETA 22 TA' DIĊEMBRU

"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej."

Il-Qari tal-ġurnata: 1 Samwel 1:24-28; 1 Samwel 2:1,4-5,6-7,8; Luqa 1:46-56



MILL-EVANĠELJU

Marija tkanta l-Magnificat. Hi tfaħħar lil Alla għax Alla jħares lejn iż-żgħar, jgħolli lill-umli u jiftakar fil-ħniena tiegħu.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Marija ma tfaħħarx lilha nfisha.
Hi tfaħħar lil Alla.
Meta nħarsu lejn dak li għandna, kultant niffukaw fuq dak li jonqosna.
Marija tgħallimna waqfa oħra: inħarsu lejn dak li Alla diġà tana.
Il-familja tagħna nnifisha hija rigal.



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Poġġu flimkien u kull membru jgħid tliet affarijiet li għalihom hu grat.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Xi ħadd jixgħel l-erba' xemgħat.
Kull membru jgħid: "Grazzi, Mulej, għal…", u jżid ħaġa waħda.
Fl-aħħar għidu flimkien: "Ruħna tfaħħar il-kobor tal-Mulej".



MILL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK TA' ASSISI

Il-ħolqien huwa rigal ta' Alla
San Franġisk, speċjalment fl-aħħar snin ta' ħajtu, kompla jfaħħar lil Alla minkejja l-mard u d-dgħufija. Fl-*Għanja tal-Ħlejjaq* hu jara l-ħolqien bħala rigal li jwassalna għat-tifħir u r-ringrazzjament ta' Alla.



BIEX NAĦSBU

Liema rigal li għandna fil-familja tagħna kultant ninsew kemm hu prezzjuż?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej, għinna nkunu grati għall-familja tagħna,
għal ħajjitna
u għall-barkiet żgħar ta' kuljum.
Għallimna napprezzaw dak li għandna
u naqsmuh ma' ħaddieħor bi mħabba.
Grazzi, Mulej.
Ammen.



L-ERBGĦA 23 TA' DIĊEMBRU

"Ġwanni hu ismu."

Il-Qari tal-ġurnata: Malakija 3:1-4, 23-24; Salm 25; Luqa 1:57-66



MILL-EVANĠELJU

Twieled Ġwanni l-Battista. Meta missieru Żakkarija jikteb: **"Ġwanni hu ismu"**, jinfetaħ fommu u jibda jfaħħar lil Alla. Il-ġrajja kollha ssir sinjal li Alla qed iħejji t-triq għall-miġja tal-Mulej.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Fadal ġurnata waħda. Il-Milied qiegħed fil-qrib.
Il-Kelma ta' Alla terġa' tgħidilna: **ħejju t-triq.**
Imma kif?
Forsi mhux billi nagħmlu aktar xiri.
Forsi mhux billi nżidu aktar affarijiet.
Forsi billi nneħħu minn qalbna xi ħaġa li ma tħalliniex inħobbu: rabja, ġudizzju, egoiżmu jew nuqqas ta' maħfra.
Ġwanni ġie biex iħejji t-triq għal Ġesù.
Illum nistgħu nistaqsu: x'għandi nneħħi minn qalbi biex Ġesù jsib aktar spazju fija?



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Agħmlu pass ta' maħfra jew rikonċiljazzjoni.
Jekk hemm xi ħadd fil-familja li għandek bżonn tgħidlu "skużani" jew "naħfirlek", agħmel dan illum.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Xi ħadd jixgħel l-erba' xemgħat.
Imbagħad għidu bil-mod: "Mulej, neħħi dak kollu li jżommok 'il bogħod minn qalbna".
Wara, kulħadd iżomm ftit silenzju.



MILL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK TA' ASSISI

Paċi u Ġid
San Franġisk irċieva bħala rivelazzjoni divina l-istedina biex isellem lil kulħadd bil-kliem "Il-Mulej jagħtik is-sliem" (li nsibuh ukoll fit-*Testment* tiegħu u fir-*Regola* tal-1223). Minn hawn nibtet it-tradizzjoni magħrufa tat-tislima Franġiskana: *"Paċi u Ġid"*.



BIEX NAĦSBU

Hemm xi ħaġa li għandna bżonn naħfru lil xulxin tagħha qabel jasal il-Milied?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej Ġesù,
ftit fadal biex niċċelebraw it-Twelid tiegħek.
Naddaf qalbna minn dak kollu
li ma jħalliniex inħobbu.
Fejn hemm rabja, agħtina l-maħfra.
Fejn hemm weġgħa, agħtina l-fejqan.
Fejn hemm distanza, għinna nersqu lejn xulxin.
Fejn hemm egoiżmu, agħtina ġenerożità.
Ħejji t-triq f'qalbna.
Ammen.



IL-ĦAMIS 24 TA’ DIĊEMBRU

LEJLET IL-MILIED

“Ix-xemx tielgħa mill-għoli ġiet iżżurna.”

Il-Qari tal-ġurnata: 2 Samwel 7:1-5,8b-12,14a,16; Salm 89; Luqa 1:67-79



MILL-EVANĠELJU

Il-liturġija ta’ filgħodu tal-24 ta’ Diċembru tagħlaq l-istaġun tal-Avvent bil-Qari dwar il-wegħda ta’ Alla lil David u bil-Benedictus ta’ Żakkarija, li jħabbar iż-żjara ta’ Alla u d-dawl li ġej fuq dawk li jinsabu fid-dlam.



RIFLESSJONI QASIRA GĦALL-FAMILJA

Wasalna. Wara erba’ ġimgħat ta’ stennija, it-talb tagħna jsir aktar sempliċi:
“Ejja, Mulej Ġesù”.
Żakkarija jfaħħar lil Alla għax il-wegħdiet tiegħu qed isiru realtà.
Għada niċċelebraw li Alla ma baqax ’il bogħod minna.
Hu ġie qrib. Sar tarbija. Daħal fid-dinja tagħna.
U llum nistaqsu lilna nfusna: Qalbna lesta biex tilqgħu?



ĠEST KONKRET GĦALL-ĠURNATA

Qabel tibda ċ-ċelebrazzjoni tal-Milied, agħmlu rigal moħbi ta’ mħabba lil xi ħadd: għajnuna, telefonata, ikel, żjara, rigal żgħir jew talba. Agħmluh mingħajr ma tistennew radd lura.



MUMENT QUDDIEM IX-XEMGĦA TAL-AVVENT

Illum xi ħadd jixgħel l-erba' xemgħat kollha.
Jekk għandkom xemgħa jew fanal żgħir ieħor, poġġuh fiċ-ċentru bħala sinjal li Kristu, id-Dawl tad-dinja, jinsab fil-qrib.
Kulħadd jibqa' sieket għal ftit mumenti.
Imbagħad il-familja kollha tgħid bil-mod: "Ejja, Mulej Ġesù".
Erġgħu għidu: "Ejja, Mulej Ġesù".
U għat-tielet darba: "Ejja, Mulej Ġesù, u ibqa' magħna".



MILL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK TA' ASSISI

Il-Milied: Alla jagħti lilu nnifsu f'Ibnu li jsir bniedem għalina
Meta San Franġisk iċċelebra l-Milied f'Greccio, ried jgħin lill-persuni jħossu b'mod konkret l-umiltà ta' Ġesù li sar bniedem.
Għalih, il-Milied kien stedina biex inħarsu lejn Alla li jsir żgħir, umli u qrib tagħna. Is-sorsi Franġiskani jgħaqqdu l-esperjenza ta' Greccio mal-kontemplazzjoni tal-imħabba ta' Alla li jagħti lilu nnifsu għalina.



BIEX NAĦSBU

X'nixtiequ nagħtu lil Ġesù bħala rigal minn qalbna dan il-Milied?



TALBA TAL-FAMILJA

Mulej Ġesù,
wara dan il-vjaġġ kollu tal-Avvent, issa qegħdin nistennewk.
Ejja fid-dinja tagħna. Ejja fil-familji tagħna. Ejja f'qalbna.
Kun id-dawl tagħna fid-dlam, il-paċi tagħna fil-biża',
it-tama tagħna fl-istennija, u l-ferħ tagħna fil-ħajja.
Bħal Marija, għinna nilqgħuk. Bħal Ġużeppi, għinna nafdawk.
Bħal Ġwanni, għinna nħejju t-triq għalik.
Bħal San Franġisk, għallimna nħobbuk f'sempliċità u umiltà.
Ejja, Mulej Ġesù! Ammen.

TALBA TAL-FAMILJA
GĦALL-GĦELUQ TAL-AVVENT

Mulej Ġesù,
erba' ġimgħat ilu bdejna nistennewk,
u llum, hekk kif wasalna lejlet il-Milied,
nirringrazzjawk għal dan iż-żmien
li fih għallimtna nistennew, nitolbu, nafdaw, naħfru u nħobbu.

Grazzi għall-familja tagħna,
għad-dawl fil-ġranet diffiċli
u għall-ferħ li qsamna flimkien.

Bħal Marija, għallimna ngħidu "Hawn jien";
bħal Ġużeppi, għinna nafdaw;
bħal Ġwanni l-Battista, għallimna nħejju t-triq għalik;
u bħal San Franġisk, agħtina qalb sempliċi mimlija gratitudni,
maħfra u mħabba.

Ma' San Ġorġ Preca, fil-lejl li ġej, għinna nfaħħruk u nistqarru:
"U l-Iben ta' Alla sar bniedem u għammar fostna".

Ejja fid-dar tagħna, idħol f'kull kamra, f'kull qalb u f'kull relazzjoni.

Kun qrib ta' min hu ferħan u ta' min hu mnikket,
ta' min għandu familja u ta' min iħossu waħdu,
ta' min għandu ħafna u ta' min għandu ftit.

Għinna nilqgħuk f'qalbna
u ma nżommux id-dawl tiegħek għalina biss,
imma nwassluh lil kull min niltaqgħu miegħu.

Ġesù, ejja għandna,
ibqa' magħna u agħmel qalbna l-maxtura tiegħek,
biex dan il-Milied ikun tassew laqgħa miegħek
u bidu ġdid ta' fidi, tama u mħabba.

Ejja, Mulej Ġesù!
Ammen.

Ħadd wara l-ieħor,

il-Girlanda tal-Avvent

tmexxina iktar fil-fond tal-misteru
TAT-TWELID TA' KRISTU
u tqarribna pass kull darba
lejn il-ferħ tas-salvazzjoni tagħna.
Għalhekk hi ħaġa sabiħa
li narmawha wkoll fid-djar tagħna
u nieqfu kuljum quddiemha
biex nitolbu u nitħeġġu
fl-istennija kollha tama
TAL-MIĠJA TA' SIDNA ĠESÙ.

9 789918 957774